

Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul dan ix-xahar, biex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-lingwaġġ tal-imħabba u tad-djalogu jirbaħ dejjem fuq il-lingwaġġ tal-konflitt.

**Qari:** *Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-50 Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali* Jannar 2016

Il-komunikazzjoni għandha l-qawwa li tibni l-pontijiet, li tiffavorixxi l-laqgħa u l-inklużjoni, u hekk tagħni lis-soċjetà kollha. Kemm hi ħaġa sabiħa naraw persuni impenjati li, b'attenzjoni kbira, jagħżlu l-kliem u l-ġesti li bihom jistgħu jegħlbu n-nuqqas ta' ftehim, ifejqu l-memorja miġruħa u jibnu paċi u armonija. Il-kliem jista' jsawwar pontijiet bejn il-persuni, il-familji, il-gruppi soċjali, il-popli. U dan kemm fl-ambjent fiżiku u kemm f'dak diġitali. Għalhekk, kliem u azzjonijiet jistgħu jgħinuna noħorġu miċ-ċrieki vizzjużi tal-kundanni u tal-vendetti, li jibqgħu jżommu mjassra l-individwi u n-nazzjonijiet, u li jwassluhom biex jesprimu ruħhom b'messaġġi ta' mibegħda. Min-naħa l-oħra, il-kelma tan-Nisrani tfittex li tkabbar il-komunjoni u, anki meta jkollha tikkundanna l-ħażen bi kliem iebes, xorta tfittex li qatt ma tfarrak ir-relazzjoni u l-komunikazzjoni.

Mulej Ġesù, Inti s-sultan tal-hena u tal-paċi.
Inti trid li aħna, bħala Nsara, insawru l-paċi u nkunu dawl fost il-ġnus.
Meta kont tgħix fostna, inti dejjem għallimt il-maħfra u l-imħabba.
Inti dejjem ippriektkajt l-imħabba bla qies li Alla l-Missier għandu għalina,
li jilqa' lil kulħadd u jaħfer lil kull min jersaq lejh.
Mulej, inti għallimt lid-dixxipli tiegħek li għandhom
iħobbu lill-għedewwa tagħhom bla ebda kundizzjoni.
Inti kont dejjem tara l-ewwel x'hemm fil-qalb ta' min kien ikun quddiemek,
għax int kont tgħid li "hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem,
li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena" (Mk 7:21).
Int Mulej, quddiem kull tip ta' vjolenza, dejjem fittixt it-triq ta' non-vjolenza.
Inti żammejt lil dawk li kienu qed jixlu lill-adultera milli jħaġġruha (Ġw 8:1-11)
u meta ġew għalik fl-ort tal-Ġetsemani,

inti għidt lil Pietru biex idaħħal is-sejf lura fl-għant tiegħu (ara Mt 26:52).
Anke meta kont fuq is-salib, ħfirt lill-għedewwa tiegħek.
Għalhekk Mulej, agħtina l-għajnuna
ħalli nilqgħu fil-qalb tagħna l-Bxara t-Tajba tassew.
Għinna biex, kif qalilna l-Papa Franġisku, inwarrbu l-lingwaġġ tal-konflitt
u biex nifhmu tassew x'jiġifieri tikkomunika,
x'jiġifieri tiddjaloga u x'jiġifieri l-imħabba.
Mulej, għinni ħalli nkun dejjem lest/a li nisma' lill-oħrajn,
li nkun qrib tal-oħrajn, li nilqa' lill-oħrajn,
u li nimxi spalla ma' spalla ma' ħaddieħor.
B'hekk Mulej inkun nista' naqsam mal-oħrajn il-mistoqsijiet u d-dubji
u nkun nista' npoġġi l-ħiliet u d-doni tiegħi għas-servizz tagħhom.
Għinni biex ninfetaħ għall-oħrajn, biex nersaq lejhom
u biex ma nagħżilx li ninqata' minnhom,
jew li nfittex li tgħaddi dejjem tiegħi.
Għin lilna lkoll Mulej, ħalli jkollna l-mentalità li twassalna
sabiex nibnu ambjent fejn ikun hemm il-paċi u l-armonija,
ambjent fejn poplu jgħix mal-ieħor,
u sabiex il-lingwaġġ tal-imħabba u tad-djalogu
jirbaħ dejjem fuq il-lingwaġġ tal-konflitt.
Fuq kollox, Mulej, għinna nifhmu l-kliem ta' Papa Franġisku:
*"Il-konflitti jistgħu wkoll iservu ta' ġid għalina, għax jgħinuna nifhmu d-differenzi, u jgħinuna nifhmu wkoll li, jekk aħna mhux se nsibu mod biex insolvu dan il-konflitt, se nsibu ruħna f'sitwazzjoni ta' gwerra. Biex jiġi indirizzat kif jixraq il-konflitt, irid iwassalna għall-għaqda."*

**KANT**

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġisku waqt il-velja ta' talb għall-paċi fis-7 ta' Settembru 2013*
It-twemmin nisrani tiegħi jimbuttani biex inħares lejn is-Salib. Kemm nixtieq li għal waqt wieħed il-bnedmin kollha ta' rieda tajba jħarsu lejn is-Salib! Hemm jistgħu jaqraw it-tweġiba ta' Alla: għall-vjolenza Ġesù ma weġibx bil-vjolenza, għall-mewt ma weġibx bil-lingwaġġ tal-mewt. Fis-skiet tas-Salib jieqaf l-istorbju

tal-armi u jitkellem il-lingwaġġ tar-rikonċiljazzjoni, tal-maħfra, tad-djalogu, tal-paċi. Irrid li llejla nitlob lill-Mulej li aħna l-Insara u l-aħwa ta' Reliġjonijiet oħra, kull raġel u mara ta' rieda tajba, ngħajtu bil-qawwa: *il-vjolenza u l-gwerra ma huma qatt it-triq tal-paċi!* Kull wieħed jitħeġġeġ biex iħares propju fil-kuxjenza tiegħu u jisma' l-kliem: oħroġ 'il barra mill-interessi tiegħek li jwebbsu l-qalb, irbaħ l-indifferenza lejn l-ieħor li tagħmel il-qalb insensittiva, irbaħ ir-raġunamenti tiegħek ta' mewt u infetaħ għad-djalogu, għar-rikonċiljazzjoni: ħares lejn in-niket ta' ħuk u tkomplix iżżid aktar niket, waqqaf idek; ibni mill-ġdid l-armonija li hija mfarrka; u dan mhux bil-konflitt, imma bil-laqgħa! Ħa jieqaf l-istorbju tal-armamenti! Il-gwerra hija dejjem sinjal tal-falliment tal-paċi, hija dejjem telfa għall-umanità.

X'eżempju tajtna Mulej!
Int għażilt li tgħix it-triq tal-maħfra u tal-imħabba, anke fuq is-salib.
Int, Mulej, għażilt li tmut għalina minkejja li aħna nwarrbuk u nittraduk!
Kemm inti kbir O Alla! Kemm għandek għerf u mħabba bla tmiem!
Int, Mulej, tajtna eżempju ċar
ta' kif twieġeb b'imħabba għad-deni li jagħmlulek.
Għallimtna kif nitkellmu bil-lingwaġġ tar-rikonċiljazzjoni,
tal-maħfra, tad-djalogu u tal-paċi.
Ma ħallejtx l-interessi personali tiegħek jiddominaw u jagħmuk.
Inti kont it-tweġiba ta' Alla għall-vjolenza tal-bniedem.
Is-salib kien u għadu l-isbaħ u l-ikbar eżempju ta' mħabba perfetta;
eżempju jgħammex tal-imħabba bla tarf ta' Alla Missierna.
Mulej, għinna nifhmu li ċ-ċavetta tad-djalogu veru hi l-imħabba.
Għinna biex nagħrfu li fil-qalb tagħna hemm il-mibegħda u l-vjolenza
biex imbagħad inkunu nistgħu nħallu l-ħniena ta' Alla tfejjaqna.
Agħtina l-kuraġġ sabiex nifhmu u naċċettaw
li nbiddlu l-kultura tal-konflitt mal-kultura tal-laqgħa
u mal-kultura tad-djalogu,
biex b'hekk insiru aħna stess strument ta' rikonċiljazzjoni
Għinna, Mulej, sabiex nitgħallmu nisimgħu l-leħen tal-kuxjenza tagħna,
u biex ma nibqgħux magħluqin fl-interessi personali tagħna.
Imliena bil-kuraġġ li nħarsu lejn xulxin bħal aħwa

u, biex meta nsibu ruħna quddiem xi konflitt,
inkunu dejjem lesti li niftħu t-triq għal-laqgħat u għad-djalogu.
Għinna, Mulej, nifhmu dak li qal il-Papa Franġisku:
*Tisma' jfisser tkun attent, ikollok ix-xewqa li tifhem, tagħti valur,*
*tirrispetta, tgħożż il-kelma ta' ħaddieħor*.

**Kant**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk Mulej sabiex, bl-għajnuna tiegħek, insiru persuni ta' rieda tajba u biex niskopru mill-ġdid il-qawwa tal-ħniena u tal-imħabba, li jfejqu r-relazzjonijiet imfarrka u b'hekk ikollna l-paċi u l-armonija bejn il-familji u fil-komunitajiet.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, bħalma ibnek Ġesù ħafer lil dawk li sallbuh, għinni biex nagħmel sforz biex naħfer lil dawk li jweġġgħuni b'xi mod jew ieħor.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk sabiex tgħin lil dawk in-nies li huma mimlijin vendetta u mibegħda, biex jifhmu li jekk jaħfru biss jistgħu jsibu l-paċi.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej għall-Komunità Internazzjonali biex tagħmel kull sforz biex tmexxi 'l quddiem, mingħajr aktar dewmien, inizjattivi ċari li jwasslu għall-paċi f'dawk il-pajjiżi fejn hemm il-vjolenza u l-gwerer:- inizjattivi bbażati fuq id-djalogu u n-negozjati.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu t-talba ta' Papa Franġisku sabiex ngħixu ħajjitna fil-ħniena, il-ħniena li "tiftaħna iktar għad-djalogu biex nagħrfu u nifhmu iżjed lil xulxin; teqred kull għamla ta' għeluq u ta' disprezz u tneħħi kull xorta ta' vjolenza u ta' diskriminazzjoni" (Misericordiæ vultus, 23).

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

**KANT**